Patt tas-Sindki
Għal Enerġija Sostenibbli Lokali

# Struzzjonijiet:

## *Kif għandek timla l-mudell tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli?*

### Daħla

Il-firmatarji kollha tal-Patt jimpenjaw irwieħhom li jissottomettu l-**Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli** (**Sustainable Energy Action Plans - SEAPs)**, fis-sena ta' wara l-adeżjoni tagħhom, u għalhekk juru kif sejrin jilħqu l-miri tagħhom ta' tnaqqis ta' $CO_2$ sal-2020.

Biex jgħin lill-firmatarji tal-Patt fil-kisba tal-mira tagħhom, ġie żviluppat mudell ta' SEAP mill-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki f'kollaborazzjoni mill-qrib maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea. Dan id-dokument faċli għall-użu għandu jimtela onlajn bl-Ingliż mill-firmatarji tal-Patt innifishom fl-istess waqt li jissottomettu l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tagħhom fil-lingwa (nazzjonali) tagħhom. Il-mudell jinkludi tliet partijiet ewlenin iddedikati għal:

- **Viżjoni fit-tul u strateġija globali** – *li tispeċifika l-mira globali prevista ta' emissjonijiet ta'* $CO_2$*, l-oqsma prijoritarji ta' azzjoni, l-attribuzzjoni ta' kapaċitajiet tal-persunal u dawk finanzjarji;*
- **Riżultati ewlenin tal-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet** – *li tindika l-livell attwali ta' konsum ta' enerġija u li tidentifika s-sorsi prinċipali ta' emissjonijiet* $CO_2$*;*
- **Elementi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli** – *li tiddefinixxi l-miżuri stabbiliti għal medda qasira ta' żmien u fit-tul sabiex tibda titħaddem l-istrateġija globali, flimkien ma' oqfsa ta' żmien, responsabbiltajiet assenjati u baġits allokati.*

Il-mudell tas-SEAP għandu jgħin lill-firmatarji tal-Patt jistrutturaw l-azzjonijiet u l-miżuri tagħhom u jsegwu l-implimentazzjoni. Fl-istess waqt il-mudell huwa għodda siewja għall-ġbir ta' informazzjoni ewlenija mis-SEAPs, u b'hekk jippermetti l-iskambju tal-esperjenzi. Il-punti l-aktar importanti tal-informazzjoni miġbura jintwerew onlajn fuq il-websajt tal-Patt tas-Sindki.

Minbarra dan id-dokument ta' struzzjonijiet, qegħdin jiġu żviluppati linji gwida ġenerali, li jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata u rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu żviluppati u mħejjija l-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet u s-SEAP.

## STRATEĠIJA GLOBALI

### 1. Mira globali għat-tnaqqis tas-$CO_2$

X'inhi l-mira globali għat-tnaqqis tas-$CO_2$ tal-awtorità lokali tiegħek? Jekk jogħġbok innota li l-mira għat-tnaqqis ta' $CO_2$ għandha tkun mill-inqas – 20% sal-2020 kif mitlub mill-Patt tas-Sindki.

Fil-prinċipju, il-mira għat-tnaqqis għandha tkun stabbilita bħala valur "assolut" (perċentwal ta' kwantità ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ ikkalkulat għas-sena bażika). Alternattivament, il-mira tista' tiġi stabbilita "*per capita*". F'dan il-każ, l-emissjonijiet tas-sena bażika għandhom jinqasmu bin-numru ta' abitanti fl-istess sena, u l-perċentwal tal-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jiġi kkalkulat fuq dik il-bażi. Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa tal-opzjoni magħżula.

## 2. Viżjoni fit-tul tal-awtorità lokali tiegħek (massimu 1500 karattru)

Jekk jogħġbok hawnhekk spjega l-viżjoni fit-tul tal-awtorità lokali tiegħek sal-2020 (mill-inqas) u semmi:

a) ***Oqsma prijoritarji ta' azzjoni.*** F'liema setturi tistenna li jsir l-akbar tnaqqis ta' $CO_2$? X'inhuma l-azzjonijiet ewlenin tiegħek?

b) Liema huma ***x-xejriet ewlenin*** f'termini ta' Emissjonijiet ta' $CO_2$ fit-territorju/fl-awtorità lokali tiegħek? U fejn jinsabu l-akbar sfidi?

## 3. Aspetti organizzattivi u finanzjarji (massimu ta' 500 karattru kull kaxxa)

a) ***Strutturi ta' koordinazzjoni u organizzattivi maħluqa/assenjati***: Jekk jogħġbok iddefinixxi l-istrutturi speċifiċi li ħolqot l-awtorità lokali tiegħek sabiex timplimenta l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki.

b) ***Kapaċità ta' persunal allokat:*** Jekk jogħġbok iddefinixxi kemm persuni qegħdin jaħdmu (f'impjiegi full-time korrispondenti) fuq it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tiegħek.

c) ***Involviment tal-partijiet interessati u taċ-ċittadini:*** Il-firmatarji tal-Patt tas-Sindki jimpenjaw irwieħhom li jimmobilizzaw lis-soċjetà ċivili fiż-żona tagħhom sabiex tipparteċipa fl-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni. Jekk jogħġbok speċifika: Kif involvejt liċ-ċittadini u lill-gruppi differenti ta' partijiet interessati fit-tħejjija tal-pjan ta' azzjoni? Kif qiegħed tippjana li tinvolvihom waqt l-implimentazzjoni?

d) ***Stima tal-baġit globali:*** Jekk jogħġbok hawnhekk speċifika l-baġit globali relatat kemm mal-iżvilupp kif ukoll mal-implimentazzjoni tal-istrateġija globali tiegħek (inkluż il-qafas ta' żmien tal-baġit stmat).

e) ***Sorsi ta' finanzjament previsti għall-investimenti fil-pjan ta' azzjoni tiegħek:*** Jekk jogħġbok indika l-allokazzjonijiet (mill-ġdid) fil-baġit muniċipali u minn liema sorsi esterni (eż. skemi Ewropej, nazzjonali jew reġjonali, sponsers, eċċ. ) qiegħed tistenna li tikseb finanzjament għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ewlenin fil-pjan ta' azzjoni tiegħek.

f) ***Miżuri ppjanati għall-monitoraġġ u s-segwitu:*** Jekk jogħġbok speċifika, kif l-awtorità lokali qiegħda tippjana li torganizza l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. Jekk jogħġbok innota wkoll li kull sentejn il-firmatarji tal-Patt tas-Sindki għandhom iressqu rapport dwar l-implimentazzjoni. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sentejn wara s-sottomissjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli.

# INVENTARJU BAŻIKU TAL-EMISSJONIJIET

L-aktar prerekwiżit importanti għall-istabbiliment tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli huwa l-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet. Il-mudell huwa maħsub b'mod li jqassar id-dejta ewlenija tal-inventarju (mhuwiex maħsub bħala għodda ta' kalkolu għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ tiegħek). Fi ħdan il-qafas tal-Patt tas-Sindki, l-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet –kif ukoll is-SEAP- għandhom ikunu **bbażati fuq il-konsum finali tal-enerġija**.

## 1. Sena bażika

Is-sena bażika rakkomandata tal-inventarju hija l-1990. Jekk l-awtorità lokali m'għandhiex dejta sabiex tibni inventarju għall-1990, allura għandha tagħżel l-eqreb sena għall-1990 li għaliha tista' tinġabar l-aktar dejta komprensiva u affidabbli.

## 2. Għażla ta' fatturi ta' emissjonijiet

L-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet għandu jkun ibbażat fuq dejta ta' attività (il-konsum finali ta' enerġija li jseħħ fit-territorju tal-awtorità lokali) u fatturi ta' emissjonijiet, li jikkwantifikaw l-emissjonijiet għal kull unità ta' attività. Jistgħu jintagħżlu żewġ metodi differenti meta wieħed jiġi għall-għażla tal-fatturi ta' emissjonijiet:

1. L-użu ta' **fatturi ta' emissjonijiet "Standard" konformi mal-prinċipji IPCC**, li jkopru l-emissjonijiet ta' $CO_2$ kollha li jseħħu minħabba konsum ta' enerġija fit-territorju tal-awtorità lokali, jew direttament minħabba kombustjoni ta' fjuwil fl-awtorità lokali jew b'mod indirett permezz ta' kombustjoni ta' fjuwil assoċjata mal-użu tal-elettriku u ta' sħana/kesħa fiż-żona tagħha. Dan il-metodu huwa bbażat fuq il-kontenut ta' karbonju f'kull fjuwil, bħal fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett serra fil-kuntest tal-UNFCCC u l-protokoll ta' Kjoto. F'dan il-metodu, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-użu ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll l-emissjonijiet ta' elettriku ekoloġiku ċċertifikat jitqiesu li huma żero. Barra minn hekk is-$CO_2$ huwa l-aktar gass b'effett serra importanti, u s-sehem tal-emissjonijiet ta' CH4 u ta' $N_2O$ m'għandhomx għalfejn jiġu kkalkulati. Għaldaqstant, l-awtorità lokali li tiddeċiedi li tuża dan il-metodu hija mitluba li tirrapporta l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tagħha (f't). Madankollu, gassijiet oħrajn b'effett serra jistgħu jiġu inklużi fl-inventarju bażiku, u f'dan il-każ l-emissjonijiet jiġu rrappurtati bħala ekwivalenti ta' $CO_2$.

2. Bl-użu ta' **fatturi LCA (Stima taċ-Ċiklu tal-Ħajja - *Life Cycle Assessment*)**, li jikkunsidraw iċ-ċiklu tal-ħajja globali tat-trasportatur tal-enerġija. Dan il-metodu jinkludi mhux biss l-emissjonijiet tal-kombustjoni finali, iżda wkoll l-emissjonijiet kollha tal-katina ta' forniment (bħal telf fit-trasport, emissjonijiet ta' raffinar jew telf fil-konverżjoni tal-enerġija) li jseħħu barra t-territorju. F'dan il-metodu, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-użu ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll l-emissjonijiet ta' elettriku ekoloġiku ċċertifikat huma ogħla minn żero. Fil-każ ta' dan il-metodu, gassijiet b'effett serra oħrajn minbarra s- $CO_2$ jistgħu jkollhom rwol importanti. Għaldaqstant, l-awtorità lokali li tiddeċiedi li tuża l-metodu LCA tista' tirrapporta l-emissjonijiet bħala ekwivalenti għal $CO_2$. Madankollu, jekk il-metodoloġija/għodda użata tgħodd biss l-emissjonijiet ta' $CO_2$, allura l-emissjonijiet jistgħu jiġu rrappurtati bħala $CO_2$ (f't).

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa korrispondenti għall-metodu ta' fatturi ta' emissjonijiet li għażilt (IPCC / LCA).
Jekk jogħġbok agħżel ukoll jekk l-emissjonijiet humiex irrappurtati bħala emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$.

## 3. Riżultati ewlenin tal-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet

Din it-taqsima hija maqsuma f'erba' tabelli:

A. Konsum finali ta' enerġija
B. Emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$
Ċ. Produzzjoni lokali ta' elettriku u emissjonijiet korrispondenti ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$
D. Tisħin/tkessiħ tad-distrett lokali, CHP u emissjonijiet korrispondenti ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$

**Tabella A. Konsum finali ta' enerġija**
Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta essenzjali tal-konsum finali ta' enerġija tiegħek, jiġifieri l-ammont ta' elettriku, tisħin/tkessiħ, fjuwils fossili u enerġija rinnovabbli kkunsmat mill-utenti finali.

***Kategorija***
Din il-kolonna tirreferi għas-setturi li jikkunsmaw enerġija / jipproduċu $CO_2$. Is-setturi huma maqsuma f'żewġ kategoriji ewlenin "Bini, tagħmir/faċilitajiet u industriji" u "Trasport" u tmien subkategoriji. Huwa obbligatorju li tingħata din l-informazzjoni għal dawn il-kategoriji. Fid-dettall:

1° Bini, tagħmir/faċilitajiet u industriji

Din il-kategorija tkopri l-bini, is-servizzi, il-faċilitajiet u l-bini industrijali kollu. Jekk hu possibbli, l-informazzjoni għandha tinqasam f'dawn il-ħames subkategoriji li ġejjin:

– "Bini u tagħmir/faċilitajiet muniċipali: it-terminu "tagħmir/faċilitajiet" ikopri entitajiet li jikkunsmaw enerġija li mhumiex bini (eż. unitajiet tat-trattament tal-ilma, ċentri ta' riċiklaġġ u impjanti ta' kompost). Bini residenzjali proprjetà tal-awtorità lokali jew organizzazzjonijiet affiljati għandhom ikunu inklużi fis-subkategorija "Bini residenzjali"
– "Bini, tagħmir/faċilitajiet terzjarji (mhux muniċipali)" tirreferi għall-bini u l-faċilitajiet kollha tas-settur terzjarju (settur tas-servizzi) li mhumiex proprjetà jew mhumiex ġestiti mill-awtorità lokali (eż. uffiċċji ta' kumpaniji privati, banek, SMEs, attivitajiet kummerċjali u bl-imnut, sptarijiet, eċċ.)
– "Bini residenzjali": konsum ta' enerġija f'bini li jintuża l-aktar bħala bini residenzjali
– "Dawl pubbliku muniċipali": dawl pubbliku li huwa proprjetà ta' jew jitħaddem mill-awtorità lokali. Kull dawl pubbliku mhux muniċipali għandu jissemma fil-kategorija "Bini, tagħmir/faċilitajiet terzjarju (mhux muniċipali)".
– "Industrija": Ġeneralment, l-awtoritajiet lokali jkollhom biss influwenza żgħira fuq l-industrija. Għaldaqstant, ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-firmatarji tal-Patt:
    - L-awtorità lokali tista' tiddeċiedi li tinkludi dan is-settur fis-SEAP tagħha (mhux obbligatorju).
    - Id-dejta dwar l-enerġija u s-$CO_2$ relatata ma' dan is-settur għandha tiġi rrappurtata biss jekk is-settur jiddaħħal fis-SEAP.
    - L-impjanti koperti mill-ETS (l-Iskema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet) għandhom jiġu esklużi, dment li dawn l-impjanti ma kinux inklużi fi pjanijiet ta' enerġija u inventarji ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ preċedenti tal-awtorità lokali.
    - Jekk l-emissjonijiet industrijali jiġu inklużi fl-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet, u kumpanija/impjant ewlieni industrijali jagħlaq bejn is-sena bażika u s-sena fil-mira 2020, l-emissjonijiet tiegħu għandhom ikunu esklużi mill-Inventarju. It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ li jirriżulta mir-rilokazzjoni tal-industrija ma jistax jikkontribwixxi għall-mira globali ta' tnaqqis ta' $CO_2$.
    - Bl-istess mod, kumpaniji/impjanti industrijali ġodda mibnija fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek bejn is-sena bażika u l-2020, m'għandhomx għalfejn ikunu inklużi fl-inventarju tas-snin li ġejjin.

2° Trasport

Din il-kategorija tkopri t-trasport bit-triq u bil-ferrovija. Id-dejta dwar il-konsum tal-enerġija għandha tkun ibbażata fuq id-dejta tal-konsum reali (flotta muniċipali jew trasport pubbliku) jew fuq estimi bbażati fuq il-kilometraġġ fin-netwerk ta' toroq tal-awtorità lokali.

Jekk hu possibbli, l-informazzjoni għandha tinqasam f'dawn it-tliet subkategoriji li ġejjin:

- "Flotta muniċipali": Il-vetturi li huma proprjetà u li jintużaw mill-awtorità/amministrazzjoni lokali
- "Trasport pubbliku": Karozzi tal-linja, tram, metro, trasport ferrovjarju urban
- "Trasport privat u kummerċjali": Din il-kategorija tkopri t-trasport kollu bit-triq u bil-ferrovija fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek mhux speċifikat hawn fuq (eż. karozzi u traffiku tal-merkanzija)

***Konsum finali ta' enerġija f'MWh***

Dawn il-kolonni jirreferu għall-prodotti differenti ta' enerġija li huma kkunsmati mill-utenti finali fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek u għandhom jimtlew għal kull kategorija, jekk possibbli għal kull subkategorija:

- "Elettriku" tirreferi għall-elettriku totali kkunsmat mill-utenti finali, irrispettivament mis-sors ta' produzzjoni. Jekk l-awtorità lokali qiegħda tixtri elettriku ekoloġiku ċċertifikat jekk jogħġbok imla wkoll il-kaxxa taħt it-tabella kif ukoll il-fattur ta' emissjoni korrispondenti

jekk jintużaw il-fatturi LCA. *"Elettriku ekoloġiku ċċertifikat"* tfisser elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli koperti mill-Garanzija ta' oriġini skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/77/KE, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/28/KE u l-Artikolu 3 (6) tad-Direttiva 2003/54/KE.

- "Sħana/kesħa" tirreferi għat-tisħin/tkessiħ li jiġi fornut bħala prodott lill-utenti finali fit-territorju (pereżempju minn sistema ta' tisħin/tkessiħ distrettwali, impjant tas-CHP jew ta' rkupru ta' sħana mill-iskart). It-tisħin prodott mill-utenti finali għall-użu personali tagħhom m'għandux ikun inkluż hawnhekk, iżda taħt il-kolonni tat-trasportaturi tal-enerġija li jipproduċu s-sħana. Bl-eċċezzjoni ta' sħana tas-CHP: minħabba li unità tas-CHP tiġġenera l-elettriku wkoll, ikun aħjar li tiġi inkluża taħt il-produzzjoni (tabelli Ċ u D), b'mod speċjali jekk tirrigwarda unitajiet kbar.
- "Fjuwils fossili" tkopri l-fjuwils fossili kollha kkunsmati bħala prodott mill-utenti finali. Dan jinkludi l-fjuwils fossili kollha mixtrija mill-utenti finali għat-tisħin tal-arja, għat-tisħin tal-ilma sanitarju, jew għal skopijiet ta' tisjir. Jinkludi wkoll fjuwils ikkunsmati għal skopijiet ta' trasport, jew bħala kontribut fil-proċessi ta' kombustjoni industrijali[1].
- "Enerġiji rinnovabbli" Iż-żejt kollu mill-pjanti, il-bijofjuwil, bijomassa oħra (eż. injam), sistemi termali solari u ġeotermali bħala prodott għall-utenti finali.
  Nota: Il-pit huwa eskluż. Jekk il-pit jiġi kkunsmat fl-awtorità lokali, għandu jitniżżel fil-kolonna L "fjuwils fossili oħrajn" (għalkemm mhuwiex strettament fjuwil fossili).

**Tabella B: Emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$**

Din it-tabella tiġbor fil-qosor il-kwantità ta' gassijiet b'effett serra prodotti bħala riżultat tal-konsum tal-enerġija fi ħdan l-awtorità lokali.

***Kategorija***

Din il-kolonna tirreferi għas-setturi li jipproduċu gassijiet b'effett serra. Dawn huma l-istess bħal dawk elenkati fit-tabella A. Madankollu żdied settur ieħor:

3° sorsi oħrajn ta' emissjoni

Minbarra sorsi ta' emissjonijiet relatati mal-konsum ta' enerġija speċifikati fit-tabella A, l-awtorità lokali tiegħek tista' volontarjament tinkludi fl-inventarju sorsi oħrajn ta' emissjoni ta' gassijiet b'effett serra, jekk is-SEAP jinkludi azzjonijiet biex inaqqas dawn l-emissjonijiet. Pereżempju, l-awtorità lokali tista' tagħżel li tinkludi emissjonijiet ta' $CH_4$ mill-postijiet tar-rimi ta' skart f'terraferma, jekk waħda mill-miżuri tas-SEAP hija li jinbeda l-irkupru tal-gass mill-postijiet tar-rimi ta' skart f'terraferma. Biex ikun iffaċilitat il-ġbir tad-dejta l-ġestjoni tal-iskart u l-ġestjoni tal-ilma għar-rimi ġew definiti minn qabel bħala setturi possibbli. Jekk jogħġbok innota li l-ġbir tad-dejta għal dawn is-setturi huwa fuq bażi volontarja. Jekk jogħġbok indika biss l-emissjonijiet totali f'ekwivalenti għal $CO_2$.

***Emissjonijiet tas-$CO_2$ f't $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ f't***

Meta mqabbla mat-tabella tal-konsum finali ta' enerġija, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra huma rrappurtati b'mod simili. Dawn għandhom jiġu kkalkulati għal kull sors ta' enerġija billi l-konsum finali ta' enerġija jiġi mmultiplikat bil-fatturi ta' emissjoni korrispondenti.

Jekk ikollok tinkludi bosta "trasportaturi tal-enerġija" fl-istess kolonna tat-tabella B (eż. "tipi" differenti ta' elettriku; jew sħana *u* kesħa; jew bosta fjuwils fossili taħt il-kolonna "fjuwils fossili oħrajn"), ikun aħjar li tagħmel kalkoli separati bit-trasportaturi tal-enerġija differenti u l-fatturi ta' emissjoni rispettivi tagħhom, u li tirrapporta l-emissjonijiet totali fit-tabella, bil-fattur medju ta' emissjoni korrispondenti.

[1] Fil-każ biss li s-SEAP jinkludi azzjonijiet f'dan is-settur. Madankollu, l-użu ta' enerġija mill-industriji involuti fl-ETS tal-UE huwa eskluż.

***Fatturi ta' emissjoni f't/MWh***

L-IPCC jipprovdi **fatturi ta' emissjoni stabbiliti minn qabel** disponibbli fil-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC[2]. Il-fatturi ta' emissjoni stabbiliti minn qabel jistgħu jiġu ssostitwiti b'**fatturi ta' emissjoni speċifiċi għall-pajjiż** li jikkunsidraw id-dejta speċifika tal-pajjiż. Il-firmatarji tal-Patt jistgħu wkoll jiżviluppaw **fatturi ta' emissjoni tagħhom stess** ibbażati fuq il-karatteristiċi dettaljati tal-fjuwils użati fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, jistgħu jintużaw il-**fatturi LCA**, li jikkunsidraw iċ-ċiklu tal-ħajja tat-trasportatur tal-enerġija.

Jekk jogħġbok imla l-fattur ta' emissjoni li użajt għal kull trasportatur ta' enerġija.
Barra minn hekk, jekk jogħġbok indika l-valur magħżul fil-kaxxa "fattur ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-elettriku mhux prodott lokalment [t/MWh]" taħt it-tabella B.

Il-**fattur ta' emissjonijiet lokali għall-elettriku (EFE)** għandu jirrifletti l-kombinazzjoni ta' enerġija użata biex jiġi ġġenerat l-elettriku. Jekk l-awtorità lokali ddeċidiet li tinkludi miżuri relatati mal-produzzjoni lokali tal-elettriku fis-SEAP, allura l-EFE għandu jiġi kkalkulat b'mod li jaqbel mas-sitwazzjoni lokali. Għal dan il-għan, għandha timtela t-tabella Ċ (ara hawn taħt). Jekk l-awtorità lokali tixtri elettriku ekoloġiku ċċertifikat, allura l-EFE jista' wkoll jiġi kkalkulat mill-ġdid sabiex jirrifletti l-gwadanji assoċjati tal-emissjonijiet ta' $CO_2$.

B'mod simili **il-fattur ta' emissjoni lokali għat-tisħin/tkessiħ** għandu jirrifletti l-kombinazzjoni ta' enerġija użata biex tiġi prodotta s-sħana/l-kesħa imsemmija fit-tabella A.

Il-**linji gwida għall-Inventarju Bażiku tal-Emissjonijiet** sejrin jipprovdu tabelli bil-fatturi ta' emissjoni rilevanti kollha flimkien mal-formoli għall-kalkolu tal-fatturi ta' emissjoni lokali għall-elettriku u għat-tisħin/tkessiħ ibbażati fuq id-dejta pprovduta fit-tabelli Ċ u D (ara hawn taħt).

**Tabella Ċ. Produzzjoni lokali tal-elettriku u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ korrispondenti**

Għalkemm it-tnaqqis tal-konsum finali ta' enerġija huwa meqjus prijorità fil-kuntest tal-Patt tas-Sindki, it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra min-naħa tal-forniment jista' jkun spjegat ukoll, pereżempju meta l-awtorità lokali taġixxi bħala promotur ta' installazzjonijiet rinnovabbli, jew twettaq miżuri ta' effiċjenza enerġetika fl-impjanti tat-tisħin distrettwali lokali.

L-awtorità lokali tista' tiddeċiedi jekk tinkludix jew le l-produzzjoni lokali tal-elettriku fl-inventarju u s-SEAP. Jekk is-SEAP tiegħek jinkludi azzjonijiet relatati mal-produzzjoni tal-elettriku fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek (eż. żvilupp ta' PVs, enerġija mir-riħ, enerġija idroelettrika eċċ.) jew mat-titjib tal-effiċjenza fil-ġenerazzjoni tal-enerġija lokali, jekk jogħġbok imla din it-tabella. Imbagħad inti għandek tinkludi biss l-impjanti/unitajiet "lokali", jiġifieri l-impjanti li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

a) Impjanti/unitajiet mhumiex inklużi fl-Iskema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS),
b) Impjanti/unitajiet huma taħt jew ugwali għal 20MW bħala input ta' enerġija termika fil-każ ta' impjanti tal-kombustjoni ta' fjuwils, jew bħala output għar-rinnovabbli (20 MW jikkorrispondi għal-limitu tal-ETS tal-UE għall-installazzjonijiet tal-kombustjoni).

Madankollu, jekk l-awtorità lokali tippjana azzjonijiet speċifiċi bl-utilitajiet proprji tagħha (jew inkorporat "impjanti tal-ETS" fi pjanijiet ta' azzjoni preċedenti) jew qiegħda tippjana li tiżviluppa u tiffinanzja installazzjonijiet rinnovabbli kbar bħal impjanti ta' turbini tar-riħ, proġetti bħal dawn jistgħu jiġu inkorporati, sakemm il-prijorità tibqa' fuq in-naħa tad-domanda (tnaqqis tal-konsum finali ta' enerġija).

[2] Il-fatturi ta' emissjoni stabbiliti minn qabel huma disponibbli fil-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC Volum 2, Kapitolu 2, Tabella 2.2. (paġna 16).

L-impjanti kollha li jissodisfaw dawn ir-regoli għandhom jiġu elenkati, bil-kwantità korrispondenti ta' elettriku ġġenerat lokalment (f'MWh). Fil-każ tal-impjanti ta' kombustjoni, l-inputs tat-trasportatur tal-enerġija għandhom ikunu speċifikati. Għall-konvenjenza, l-unitajiet ta' produzzjoni li jixxiebhu jistgħu jinġabru fi gruppi (pereżempju installazzjonijiet ta' PV jew unitajiet ta' koġenerazzjoni). Jekk jogħġbok irrapporta l-emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ u speċifika l-fatturi ta' emissjoni korrispondenti.

**Tabella D: Tisħin/tkessiħ distrettwali lokali, CHP u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u ekwivalenti għal $CO_2$**

Din it-tabella għandha timtela biss jekk is-sħana/il-kesħa (eż. minn bojler tat-tisħin distrettwali jew minn impjant CHP) jiġu fornuti bħala prodott għall-utenti finali fit-territorju tal-awtorità lokali. L-iskop ta' din it-tabella huwa li jiġu kkalkulati l-emissjonijiet ta' $CO_2$ relatati mal-produzzjoni tas-sħana/kesħa.

L-impjanti kollha li jiġġeneraw sħana jew kesħa li tinbiegħ/titqassam bħala prodott lill-utenti finali fit-territorju tal-awtorità lokali (ġeneralment permezz ta' sistema distrettwali ta' tisħin) għandhom jiġu kkunsidrati u elenkati bil-kwantità ġġenerata ta' sħana/kesħa, l-inputs ta' enerġija, u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ korrispondenti u l-fatturi ta' emissjoni. Għall-konvenjenza, l-unitajiet ta' produzzjoni li jixxiebhu jistgħu jinġabru fi gruppi.

Jekk jogħġbok innota li l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ relatati mas-sħana u l-kesħa prodotti lokalment mill-utenti finali għall-użu proprju tagħhom huma diġà koperti mit-tabelli A u B (kolonni għall-konsum ta' fjuwils fossili u ta' enerġija rinnovabbli). Fil-prinċipju, l-ammont totali ta' sħana/kesħa prodotta li għalihom issir referenza fit-tabella D għandu jkun ugwali (jew qrib ħafna) għall-kwantità ta' sħana/kesħa kkunsmata u rrappurtata fit-tabella A, kolonna "Sħana/kesħa".

## Inventarji oħrajn tal-emissjonijiet

Jekk l-awtorità lokali tiegħek għamlet diversi inventarji ta' emissjonijiet ta' $CO_2$, ir-riżultati ta' dawn l-inventarji jistgħu jiġu inklużi fil-mudell taħt din is-sezzjoni.

## PJAN TA’ AZZJONI GĦALL-ENERĠIJA SOSTENIBBLI

### 1. Titlu tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tiegħek

Jekk jogħġbok speċifika:

- It-titlu tal-pjan ta’ azzjoni tiegħek (pereżempju: “Pjan għall-Enerġija”, “Pjan għall-Klima”, “Il-belt tiegħi fl-2020”),
- L-awtorità li qiegħda tapprova l-pjan tiegħek,
- Id-data tal-approvazzjoni formali tiegħu [jum/xahar/sena].

### 2. Elementi ewlenin tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tiegħek

Din is-sezzjoni tiġbor l-informazzjoni bażika dwar l-azzjonijiet ewlenin tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tiegħek.

***Setturi u oqsma ta’ azzjoni***

Miżuri ta’ effiċjenza fl-użu tal-enerġija, proġetti ta’ enerġija rinnovabbli u azzjonijiet oħrajn relatati mal-enerġija jistgħu jiġu introdotti f’diversi oqsma ta’ attività tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Patt tas-Sindki jirrigwarda l-azzjoni fil-livell lokali skont il-kompetenza tal-awtoritajiet lokali. Għaldaqstant il-firmatarji tal-Patt huma mistennija li jieħdu azzjoni fil-parti l-kbira tar-rwoli possibbli tagħhom jew f’kollha:

- Konsumatur u fornitur tas-servizz;
- Awtur ta’ pjanijiet, żviluppatur u regolatur;
- Konsulent, motivatur u mudell;
- Produttur u fornitur.

Għaldaqstant il-mudell tas-SEAP propost huwa doppju; l-ewwel jirrifletti s-setturi li jiġu kkunsidrati fl-Inventarju Bażiku ta’ Emissjonijiet tiegħek (jiġifieri bini, tagħmir/faċilitajiet, industriji u trasport, produzzjoni lokali ta’ elettriku u tisħin/tkessiħ distrettwali lokali, CHPs). It-tieni għandu jkun ibbażat ukoll fuq dawk l-oqsma fejn l-awtorità lokali għandha rwol speċifiku x’taqdi, bħal:

- “Ippjanar tal-użu tal-art” (awtur ta’ pjanijiet),
- “Akkwist pubbliku ta’ prodotti u servizzi” (konsumatur) jew
- “Ħidma maċ-ċittadini u mal-partijiet interessati” (konsulent, motivatur).

Madankollu, l-awtoritajiet lokali huma liberi li jagħżlu l-oqsma ewlenin ta’ azzjoni tagħhom. Għaldaqstant, l-azzjoni fl-oqsma kollha msemmija hija rrakkomandata ferm, iżda mhux obbligatorja.

Din it-tabella hija maħsuba sabiex tgħin lill-awtoritajiet lokali jistrutturaw l-azzjonijiet u l-miżuri ewlenin tagħhom. F’każ li settur/miżura mhijiex koperta minn din l-istruttura tista’ żżidha taħt “oħrajn” (eż. f’każ li l-irkupru ta’ gass mill-postijiet tar-rimi tal-iskart f'terraferma jkun waħda mill-miżuri tas-SEAP).

*Meta ddaħħal id-dettalji tal-azzjonijiet u l-miżuri tiegħek, jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni għandha tiġi ssejvjata wara kull settur, inkella d-dejta tiegħek tintilef.*

***Azzjonijiet/miżuri ewlenin***

Il-kontenut tal-pjan ta’ azzjoni tiegħek għandu jiġi deskritt fil-qasir taħt din is-sezzjoni. Il-miżuri għandhom ikunu marbuta mal-oqsma ta’ azzjoni (bħal bini muniċipali, trasport pubbliku, installazzjonijiet ta’ PVs, taħriġ u edukazzjoni eċċ.). Jekk jogħġbok inkludi deskrizzjoni qasira ta’ kull miżura. Tista’ ddaħħal aktar linji, f’każ li tkun tixtieq telenka aktar minn azzjoni ewlenija waħda taħt l-istess qasam ta’ azzjoni.

Int mistenni li telenka l-azzjonijiet fuq żmien qasir li ġew approvati mill-awtorità lokali u li għalihom ġie allokat baġit (terminu ta' żmien ta' 3-5 snin) flimkien mal-azzjonijiet aktar strateġiċi u fit-tul li għandek il-ħsieb li timplimenta sal-2020.

***Dipartiment, persuna jew kumpanija responsabbli***

Fil-pjan ta' azzjoni, ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu assenjati lid-dipartimenti differenti tal-awtorità lokali tiegħek. Taħt din is-sezzjoni jekk jogħġbok indika d-dipartiment responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kull miżura. Dawn jistgħu jkunu wkoll Partijiet terzi, bħal utilitajiet/ESCOs jew aġenziji lokali tal-enerġija.

***Implimentazzjoni***

Din is-sezzjoni tindika l-bidu u t-tmiem ta' kull azzjoni / miżura fil-pjan ta' azzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok indika s-sena tal-bidu u tat-tmiem sabiex tagħmel distinzjoni bejn l-azzjonijiet fuq żmien qasir/medju u l-miżuri fit-tul. Huwa importanti li tistabbilixxi azzjonijiet fuq żmien qasir li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minnufih, u li taħseb dwar miżuri fit-tul sal-2020 meta għandha tintlaħaq il-mira ta' -20 % ta' $CO_2$.

***Stima tal-ispejjeż għal kull azzjoni / miżura***

Jekk jogħġbok agħti indikazzjoni tal-ispiża għall-involviment ta' mill-inqas kull miżura/azzjoni fuq żmien qasir/medju. Din l-informazzjoni għandha turi liema azzjonijiet / miżuri huma l-aktar għaljin, u tgħin ukoll sabiex jiġu vvalutati l-ispejjeż tal-miżuri ewlenin f'pajjiżi differenti. Jekk jogħġbok indika l-ispejjeż f'Ewro.

***Iffrankar mistenni ta' enerġija għal kull miżura***

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-iffrankar mistenni ta' enerġija f'MWh għal kull miżura.

***Produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli mistennija għal kull miżura***

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni jekk il-miżura ppjanata żżid is-sehem ta' enerġija rinnovabbli ġġenerata lokalment (f'MWh).

***Tnaqqis ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ mistenni għal kull miżura***

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar it-tnaqqis mistenni ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ f'tunnellati fis-sena (t/a) minn kull waħda mill-miżuri ewlenin tiegħek.

***Mira ta' ffrankar ta' enerġija għal kull settur***

Jekk jogħġbok speċifika l-mira ta' ffrankar ta' enerġija għal kull qasam ta' azzjoni, (eż. l-iffrankar ta' enerġija fil-bini pubbliku u għat-tagħmir tal-bini). Jekk jogħġbok agħti figura waħda f'MWh għal kull settur. Din il-figura għandha tirrappreżenta l-iffrankar ta' enerġija li qiegħed timmira għalih fis-sena 2020 meta mqabbel mas-sena bażika.

Huwa tassew diffiċli li tistabbilixxi ffrankar ta' enerġija kkwantifikat għal ċerti setturi bħall-"ippjanar tal-użu tal-art" jew "il-ħidma mal-partijiet interessati". Madankollu jekk hemm stimi disponibbli, jekk jogħġbok indika dawn ukoll fit-tabella. Dawn jgħinu sabiex jiġu identifikati l-oqsma ewlenin fejn huwa mistenni tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$.

***Mira ta' produzzjoni lokali ta' enerġija rinnovabbli għal kull settur***

Jekk jogħġbok speċifika l-mira ta' produzzjoni lokali ta' enerġija rinnovabbli (f'MWh) għal kull settur fejn huwa applikabbli. Din il-figura għandha tistma l-ammont ta' enerġija rinnovabbli prodotta lokalment fl-2020 meta mqabbla mas-sena bażika tiegħek.

Jekk jogħġbok hawnhekk inkludi biss l-enerġija prodotta/iġġenerata lokalment permezz ta' sorsi rinnovabbli (eż. installazzjonijiet ta' PVs). Jekk jogħġbok innota wkoll li l-installazzjonijiet ġodda jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ biss jekk ikunu qegħdin jissostitwixxu enerġija li fil-preżent hija importata u użata fit-territorju tal-awtorità lokali.

***Mira ta' tnaqqis ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ għal kull settur***

Jekk jogħġbok speċifika l-mira ta' tnaqqis ta' $CO_2$ jew ekwivalenti għal $CO_2$ għal kull settur bħal fil-każ tal-iffrankar tal-enerġija. Il-figuri għandhom jingħataw f'tunnellati (t). Jekk jogħġbok innota li l-figuri għal bosta setturi huma obbligatorji (kaxxi ħodor). Jekk mhuwiex previst l-ebda tnaqqis fis-setturi korrispondenti, jekk jogħġbok daħħal żero.

**Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok żur is-sett tagħna tal-Aktar Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) jew niżżel il-Linji gwida disponibbli fil-librerija! Websajt tal-Patt tas-Sindki: www.eumayors.eu.**